- Laħlaħ Skysona kollu li jkun fadal fil-borża tal-infużjoni u kwalunkwe tubu assoċjat ma' mill-inqas 50 mL ta' soluzzjoni għall-injezzjoni ta' sodium chloride 9 mg/mL (0.9%) biex tiżgura li ċ-ċelluli kollha possibbli jiġu infużi fil-pazjent.

Prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu għar-rimi tal-prodott mediċinali
Il-fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża u l-materjal kollu li ġie f'kuntatt ma' Skysona (skart solidu u likwidu) għandu jiġi mmaniġġjat u mormi bħala skart potenzjalment infettiv skond il-linji gwida lokali dwar l-immaniġġjar ta' materjal derivat mill-bniedem.

Esponiment aċċidentali
F'każ ta' esponiment aċċidentali, għandhom jiġu segwiti l-linja gwida lokali dwar l-immaniġġjar ta' materjali derivati mill-bniedem, li jistgħu jinkludu l-ħasil tal-ġilda kontaminata u t-tneħħija ta' lbies kontaminat. Uċuħ tax-xogħol u materjali li potenzjalment ġew f'kuntatt ma' Skysona għandhom jiġu dekontaminati b'diżinfettant xieraq.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat